MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 46/2008

**Golden Harvest MFg Co Ltd (C 176)**

**Vs**

**Carmel McKay Id Nru 279351 (M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Frar 2008 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas l-ammont ta' hdax-il elf mija u erbghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€11,140.32) rapprezentanti spejjez ghal diversi xogholijiet li saru fil-hanut gestit minnu f'San Giljan u spejjez ta' reklamar, inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud, li s-socjeta' attrici hallset ghan-nom tieghu u bi ftehim mieghu.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar, 2008, u bl-interessi legali mid-

data tal-prezentata ta' dak l-att sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Carmel McKay fejn espona illi:

1. Illi in linea preliminari, l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa qatt ma kkommissjona x-xogholijiet in kwistjoni.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.
3. Illi x-xogholijiet in kwistjoni konsistenti *inter alia* fi xkaffar, gew ikkommissjonati u mhallsa mis-socjeta' attrici, u huma proprjeta' tal-istess socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qieghda titlob il-hlas ta' €11,140.32 ghal spejjez u xogholijiet maghmula fil-fond gestit mill-konvenut wara ftehim biex jinbidel il-generu tal-hanut.

Irrizulta mill-provi illi ghal habta t'April 2007 Mark Aquilina direttur tas-socjeta' attrici gie avvicinat mill-konvenut bi proposta illi l-prodotti tal-Golden Harvest jinbieghu mill-hanut li kellu mikri San Giljan illi sa dakinhar kien jismu 'Wicked' u kien ibiegh ix-xorb. Skond il-konvenut dan il-hanut mar hazin u kien ghalhekk li hu u sid il-hanut, Maria Parrett iddecidew li jbiddlu l-generu u javvicinaw lis-socjeta' attrici biex mill-hanut ibieghu l-prodotti taghha.

Mark Aquilina ftiehem mal-konvenut illi jinvestu fil-hanut, jaghmlu *refurbishment* tieghu bil-kundizzjoni li l-konvenut jixtri biss prodotti minn taghhom. Il-konvenut accetta din il-proposta, ghalhekk bdew ix-xogholijiet u s-socjeta' attrici inkarigat *interior designer* Edmond Micallef sabiex jaghmel disinn ta' l-intern. Dana sar u gie inkarigat Ray Hili ta' *Future Furniture* sabiex iwettaq ix-xoghol ta' l-ghamara.

Fit-8 t'Awissu 2007 ix-xoghol tlesta u s-socjeta' attrici baghtet l-ewwel kunsinna ta' prodotti, izda wara tlieta jew erbat ijiem il-hanut ghalaq u inqatghu l-kuntatti kollha bejn Mark Aquilina u l-konvenut. Il-konvenut ipprova jibghat lil huh biex jitkellem mas-socjeta' attrici sabiex jinbidel il-generu tal-fond, izda s-socjeta' attrici ma riedetx tinnegozja ma' hu l-konvenut qabel ma l-ewwel tigi solvuta l-pendenza li kellha mal-konvenut dwar l-investiment li ghamlet fil-fond tieghu. Bejn fol 15 u 22 s-socjeta' attrici esebiet il-fatturi u l-ircevuti tal-hlasijiet dwar l-investiment li ghamlet a beneficcju tal-konvenut.

Xehed f'dawn l-atti Raymond Hili (fol 26) li ghamel ix-xoghol ta' l-ghamara. Jikkonferma li kien hemm xi xkaffar fil-fond u l-konvenut kien qallu biex izomm dan l-ixkaffar ghandu ghal ftit sakemm jigi ghalih u jiehdu band'ohra, izda l-konvenut qatt ma tfacca u Raymond Hili wara xi zmien iddecieda li jiddisponi minn dak l-ixkaffar.

Il-konvenut minn naha l-ohra mhux qed jikkontesta l-investiment li s-socjeta' attrici ghamlet fil-fond, pero' qieghed ighid li gew kawzati danni meta Raymond Hili ma zammx l-ixkaffar illi kien hemm originarjament fil-fond. Ighid illi l-hanut dam miftuh tlett xhur izda m'ghandu l-ebda dokumenti biex juri dan.

Xehdet ukoll f'dawn l-atti Maria Parrett fejn qalet li hija sid il-fond u kienet taf illi l-konvenut wasal f'arrangament mas-socjeta' attrici sabiex jinbidel il-generu. Kienet taf ukoll li fil-fond kien hemm xi xkaffar illi tnehha biex jaghmel wisgha ghall-ghamara l-gdida illi kienet ordnat is-socjeta' attrici. Qalet pero' illi n-negozju ma marx tajjeb u l-fond kellu jinghalaq u gie mwilli lil haddiehor.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju illi s-socjeta’ attrici nvestiet ammont ta’ flus fil-hanut tal-konvenut. Dan l-investiment kellu jigi pacut bix-xiri mill-konvenut tal-prodotti biss tas-socjeta’ attrici. Filwaqt illi din is-socjeta’ wettqet l-obbligazzjoni taghha, l-konvenut naqas milli jwettaq tieghu. Saret konsenja wahda ta’ merkanzija illi s-socjeta’ attrici tiddubita kemm giet imhallsa. Fi kwalunkwe kaz, mhix qieghda tinsisti ghal dan il-hlas, izda qieghda titlob kumpens ghall-investiment li ghamlet fil-hanut a beneficcju tal-konvenut.

Il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi. Gew esebiti d-dokumenti kollha li juru l-pagamenti illi saru. Zgur illi s-socjeta’ attrici ma kienetx se tonfoq dawk il-flus kollha  minghajr ko-rispettiv li kien ix-xiri tal-prodotti taghha. Il-konvenut minn jeddu, minghajr konsultazzjoni mas-socjeta’ attrici ddecieda illi jaghlaq il-hanut wara biss ftit granet u issa qed jippretendi li m’ghandu jhallas xejn lis-socjeta’ attrici l-ghaliex l-ixkaffar li kien hemm originarjament fi-fond safa nieqes.  Il-Qorti tirrileva illi ma kien hemm l-ebda ftehim mas-socjeta’ attrici dwar iz-zamma ta’ l-ixkaffar. Se mai, il-konvenut kien ghamel arrangament ma’ Raymond Hili illi jzommlu l-ixkaffar fl-imhazen tieghu, imma kien nuqqas ta’ l-istess konvenut li jmur ghal dak l-ixkaffar li wassal lil Raymond Hili jiddisponi minnhom. Ghalhekk jekk hemm xi nuqqas dana kien da parti tal-konvenut u mhux ta’ Raymond Hili u wisq anqas tas-socjeta’ attrici, li minn naha taghha ghandha dritt li tigi risarcita ghall-investiment li ghamlet fil-hanut ghall-beneficcju tal-konvenut.

Il-Qorti ma ssib l-ebda fondament ghall-eccezzjoni tal-konvenut li ma kienx il-legittimu kontradittur. Ma hemmx dubbju li l-konvenut dahal f’relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta’ attrici ghar-*refurbishment* tal-fond tieghu u bejgh tal-prodotti ta’ l-istess socjeta’ attrici.  Il-fatt li ma kienx hemm xejn bil-miktub bejniethom ma jnaqqas xejn minn din ir-relazzjoni kuntrattwali li kien hemm. Il-konvenut ma

jikkontestax din ir-relazzjoni u ma ghandu l-ebda skuza ghajr dik ir-raguni fjakka tal-hazna ta’ l-ixkaffar originali. Lanqas ma jista’ jirraguna li x-xogholijiet gew ikkummissjonati u mhallsa mis-socjeta’ attrici ghal beneficcju taghha. Huwa veru li x-xoghol gie kummissjonat u mhallas minnha izda dana kien parti mill-ftehim li gie milhuq mal-konvenut illi minn naha tieghu kien obbligat li jbiegh prodotti tas-socjeta’ attrici. Kien il-konvenut li naqas mill-obbligazzjonijiet tieghu u mhux is-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallas l-ammont ta’ hdax-il elf mija u erbghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€11,140.32) rapprezentanti spejjez ghal diversi xogholijiet li saru fil-hanut gestit mill-konvenut f’San Giljan u spejjez ta’ reklamar, inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud, li s-socjeta’ rikorrenti hallset ghan-nom tal-konvenut u bi ftehim mieghu.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------